**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Rikors Guramentat Nru.: 1101/2011 MH**

**Illum, 31 ta' Jannar, 2018**

**Ronald Debrincat [K.I. Nru 352096 M]**

**vs**

**Clayton Farrugia [K.I. Nru 541382 M] u Emmanuel u Maria Carmela konjugi Farrugia [K.I. Nru 733257 (M) u 510661 (M) rispettivament]**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors guramentat ta' Ronald Debrincat tad-9 ta' Novembru, 2011** permezz ta' liema gie premess:

*"Illi nhar l- 14 ta' Dicembru 2008 ghal habta tas- siegha ta' waranofsinhar (1.00 pm) sehh incident stradali bejn il-vettura tat-tip Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni LCC 338 li kienet qeghda tigi misjuqa mill-esponenti , l-vettura tat-tip Hyundai bin-numru tar-registrazzjoni LCG 149 kif ukoll bejn il-mutur tat-Tip Kawasaki Ninja bin-numru tar-registrazzjoni NJA 636 li kien qieghed jigi misjuq minn Daniel Farrugia u a kawza ta liema incident tilef hajtu tragikament l-istess Daniel Farrugia;*

*Illi dan l-incident gie kkawzat minhabba l-imperizzja , traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u ghaldaqstant r-responsabbilita tal-istess incident hija tal-istess Daniel Farrugia . Infatti, in segwitu ghal dan l-incident , infethet inkjesta magisterjali mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona, liema inkjesta giet maghluqa fis- 6 ta' Awwissu 2009 u li fiha gie konkluz li l-incident de quo sehh minhabba ' fatturi u tortijiet' attribwibbli lis-sewwieq tal-mutur;*

*Illi a kawza ta' dan l-incident l-esponenti soffra minn diversi griehi u gie rikoverat l-isptar San Luqa u sussegwentement anke operat, liema griehi ghadu jbati l-konsegwenza taghhom sal-gurnata tal-llum u dan oltre hsarat fil-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni LCC 338;*

*Illi l-konvenuti huma l-eredi tal-istess Daniel Farrugia;*

*Illi nonostanti d-diversi tentattivi ghal soluzzjoni bonarja, kif ukoll l-ispedizzjoni ta' diversi ittri interpellatorji u ufficcjali, l-intimati baqghu ma resqux ghal likwidazzjoni u l-hlas ta' danni dovuti lil istess esponenti;*

*Illi ghaldaqstant l-esponenti ma kellhu l-ebda ghazla ohra hlief li jmexxi bl-istanti;*

*Jghidu l-konvenuti l-ghaliex din l-Onorabbili Qorti ma ghandiex , prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna li din l-Onorabbili Qorti joghgobha timponi:*

1. *Tiddikjara li Daniel Farrugia kien unikament responsabbli ghal -incident stradali li sehh fl- 14 ta' Dicembru 2008 gewwa Triq Ghar Dalam Birzebbugia Malta;*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mill-istess attur fl-incident stradali hawn fuq imsemmi, liema danni jikkonsistu kemm f'dawk materjali inkluz hsarat fil-vettura tieghu (LCC 338) kif ukoll dawk lucrum cessanti minhabba d-debilita li huwa sofra fuq persuntu u dan okkorrendo bin-nomina ta' perit nominat ghal istess fini ;*

3. *Tordna lill-istess konvenuti jhallsu dawn id-danni skond il-ligi.*

*Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 3375/ 2010 u bl-imghaxx skond il-ligi."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat **ir-risposta guramentata tal-konvenuti tad-29 ta' Dicembru, 2011** permezz ta' liema tressqu s-segwenti eccezzjonijiet:

*"1.Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess rikorrent, u dana stante illi mhux minnu illi l-incident de quo sehh minhabba xi tortijiet attribwibbli lill-mejjet Daniel Farrugia;*

*2.Illi l-incident tat-traffiku illi sehh fl-14 ta' Dicembru 2008, gara unikament bhala rizultat tan-negligenza, traskuragini u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku "da parte" tar-rikorrenti Ronald Debrincat, li jahti ghall-istess incident u fil-fatt l-esponenti gia intavolaw proceduri gudizzjarji kontra l-istess rikorrenti, rikors numru 1015/11/CFS.*

*3.Illi in subsidium u minghajr pregudizzju ghas-suespost ghanda ssir prova tad-danni illi allegatament sofra r-rikorrenti b'rizultat tal-incident in ezami.*
*4.Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata.

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda u l-affidavits prezentati mill-partijiet.

Rat l-atti tal-inkjesta Magisterjali mmexxija mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona dwar l-incident stradali mertu tal-proceduri tal-lum konkluz fis-6 t'Awwissu 2009[1];

Rat id-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**Rat illi l-kaz tal-lum huwa konness mal-proceduri fl-ismijiet Emmanuel Farrugia et vs Ronald Debrincat (Rik Gur Nru 1015/11) li llum inghatat sentenza dwaru wkoll.**

Rat l-atti kollha tal-kawza odjerna u dawk tal-kawza Rik Gur Nru 1015/11.

**Ikkunsidrat:**

Illi f1-14 ta' Dicembru 2008 gewwa Triq Ghar Dalam f'Birzebbugia sehh incident stradali bejn Daniel Farrugia, sewwieq ta' mutur tal-marka Kawasaki, u l-attur sewwieq ta' vettura tal-marka Peugeot, f'liema incident miet l-istess Daniel Farrugia fuq il-post. L-attur jatribwixxi r-responsabbilita' unika ghal dan l-incident lil Daniel Farrugia u konsegwentement permezz tal-proceduri odjerni qed jitlob il-hlas kemm tad-danni materjali inkluz dawk kawzati lill-vettura tieghu nru LCC 338, kif ukoll il-*lucrum cessans* minhabba d-dizabilita' permanenti li huwa sofra.

[1] Fol 81 et seq

Il-konvenuti, eredi ta' Daniel Farrugia, jirrespingu dawn il-pretensjonijiet stante li fil-fehma taghhom l-incident *de quo* sehh tort biss tal-attur. Huma nfatti rreferew ghall-proceduri konnessi Rik Gur 1015/11 kontra l-attur odjern fejn qeghdin jitolbu li jkun hu li dikjarat responsabbli ghall-incident u biex jaghmel tajjeb ghad-danni. Il-konvenuti jghidu wkoll li fi kwalunkwe kaz, l-attur ghandu jgib prova tad-danni.

**Ikkunsidrat:**

A skans ta' ripetizzjoni inutli l-Qorti taghmel referenza ghal u tqis applikabbli ghall-kaz odjern il-konstatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet kollha taghha fil-parti ntestata **"B. Dinamika tal-Incident tal-14 ta' Dicembru 2008"** u fil-parti ntestata **"C. Responsabbilta' ghall-Incident."** li saru u wasslet ghalihom fil-kawza fl-ismijiet **Ronald Debrincat vs Clayton Farrugia et (Rik Gur Nru 1015/11).**

**Fid-dawl tas-suespost il-Qorti sejra ghalhekk tilqa' l-ewwel talba tal-attur fil-kaz odjern u tiddikjara li Daniel Farrugia kien unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh fl-14 ta' Dicembru 2008.**

**Ghall-istess ragunijiet, l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti sejrin jigu respinti.**

Fit-tieni u t-tielet talba tieghu, l-attur qieghed jitlob il-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni, u cioe' kemm *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans*.

**HSARAT FIL-VETTURA TAL-ATTUR**

Fir-rapport tal-Pulizija esibit a fol 52 et seq gew indikati s-segwenti hsarat fil-vettura tal-attur Nru LCC 338 deskritti bhala *"Slight": Right hand side front door and right hand side front mudguard*.

Gew esebiti wkoll ritratti tad-danni subiti fuq il-vettura a fol 102 et seq.

**John Pace, *panel beater u sprayer painter***, xehed[2] illi l-hsara fuq il-vettura tal-attur kienet fuq in-naha tas-sewwieq, mill-bieba '1 quddiem. Huwa kkonferma li l-*ispare parts* kien xtrahom l-attur stess. Kien ukoll l-attur li hallas lix-xhud ghal dawn it-tiswijiet is-somma ta' €804.74.

**Tarcisio Mercieca, *surveyor***, ghamel stima tal-hsarat fuq il-vettura[3]. Ikkonkluda li t-total kellu jammonta ghal elf, hames mija u tmenin euro, (€1580) eskluss il-*loss of use* ta'l-istess vettura.

## DIZABILITA' PERMANENTI TAL-ATTUR

Fl-affidavit tieghu[4] l-attur jghid li bis-sahha tal-impatt qawwi li l-mutur ta' Daniel Farrugia kellu mal-vettura tieghu, ras l-istess attur stabtet mal-*isteering* u n-nuccali nkiser f'ghajnejh. Meta giet l-ambulanza fuq il-post *nurse* pruvat taqlaghlu l-hgieg tan-nuccali minn ma ghajnejh u ftit wara ttiehed l-isptar. Hemmhekk dewwewlu ghajnejh u ghamlulu t-tape stitches fejn kien inkiser in-nuccali m'ghajnejh. Irrizulta wkoll li kawza tad-daqqa qawwija li kien ha ma l-isteering, sofra ksur f'imniehru. Ittiehed go kamra fl-isptar fejn il-professur ipprova jirrangalu l-ghadma ta' mniehru minghajr lopju[5].

Ftit jiem wara l-incident huwa rega' mar l-isptar Mater Dei fejn gie nfurmat li l-intervent li kien sar fuq imniehru ma rnexxiex u kien ser ikollu jigi operat. L-operazzjoni saret fis-27 ta' Dicembru 2008[6]. Xi xahar wara l-intervent huwa kien mar ghall-vista privata ghand Mr Grixti Soler peress li kien baqa' jitlef id-demm minn imniehru u kien ihoss fih hafna hruq. Dan il-professur kien qallu li l-operazzjoni ma kinitx irnexxiet peress li mniehru kien mghawweg u peress li minkejja t-trapass ta' zmien is-sintomi kienu ghadhom hemm. L-attur izid jghid

---

[2] Fol 197
[3] Fol 227 – 229; Dok TM1
[4] Fol 94 et seq
[5] Ritratti a fol 100-101
[6] Ritratti a fol 109

li matul is-sena 2009 huwa kompla jbati l-konsegwenzi ta' dan l-incident u ghalhekk ghamel appuntament iehor, din id-darba mal-professur li kien operah fis-27 ta' Dicembru, Mr Eric John Formosa. Dan il-professur irrilaxxja certifikat datat 22 ta' Frar 2010 fejn iccertifika hekk dwar il-kundizzjoni tal-attur[7] –

*"Despite manipulation under anaesthesia there still exists an obvious deviation of nasal bone to left.*

*Nasal airway is satisfactory and occasionally suffers from nose bleeds episodes.*

*All the above are signs and symptoms that have occurred after accident.*

*In view of above findings he is being certified as 8% impairment of whole person."*

L-attur jghid li meta staqsa lil dan il-professur jekk ghandux jaghmel operazzjoni ohra, huwa rrispondieh li jekk jaghmilha ma kienx ser jigi ahjar, anzi kien hemm riskju li jigi aghar.

L-attur jghid li b'rizultat ta' dan l-incident huwa jbati minn numru ta' konsegwenzi li fil-fehma tieghu jimpeduh milli jghix hajja normali. Isemmi li mniehru huwa mghawweg u ghalhekk ibati biex jiehu n-nifs minn imniehru. Hu jghid li jkollu jiehu n-nifs minn halqu u mal-lejl ikollu jqum diversi drabi biex jixrob peress li halqu jkun xott. Jghid li n-nuccali jhossu tqil fuq imniehru u li minkejja li biddel in-nuccali biex dejjem ikun ehfef, dan xorta jdejqu.  Huwa kellu anke jbiddel numru ta' nuccalijiet. Spiss iharrek imniehru peress li l-ghadma mhux postha u ddejqu, xi haga li minhabba fiha huwa gieli gie mghajjar minn xi studenti tal-iskola sekondarja fejn jghallem.

[7] Fol 111 Dok L

L-attur isemmi wkoll li jbati minn *migraines* specjalment meta jdum bin-nuccali fuq imniehru. Ma jhossux komdu li jnehhi n-nuccali ghax bil-*contact lenses* imniehru jkun aktar vizibilment mghawweg. Ihoss hruq go mniehru u jkollu problema meta jitrabba l-hmieg ghax ma jkunx jista' jnaddfu. Ikollu anke *rashes* u ponot taht imniehru peress li jmiss imniehru regolarment biex jipprova jiftah in-nifs. Infatti juza *spray* kuljum apposta biex itaffi ftit mill-hruq li jhoss u biex jinfetah in-nifs ghax imniehru jkun spiss bblukkjat. L-attur jghid ukoll li ma jistax joqghod fix-xemx u gieli jispicca jinfarag. Huwa abbanduna wkoll il-karriera ta' *chef*, li huwa kien behsiebu jipprattika fis-sajf meta jkun bil-vaganzi tal-iskola. Ta' sittax il-sena kien anke jahdem *part-time* f'restaurant fix-Xlendi[8] u anke ghamel kors tal-*catering* f'Ghawdex u korsiijiet relatati max-xoghol ta' chef.  Izda ma setax ikompli jaghmel dan peress li xoghlu kien f'kuntatt dirett mas-shana u l-fwar tal-kcina li beda jwassal biex regolarment jinfarag u jkollu aktar hruq f'imniehru, apparti li gieli qabditu *migraine* jew storda. B'hekk huwa jghid li tilef sors ta' dhul ghal familja tieghu.

Minhabba t-trawma tal-incident li ghadda minnu, l-attur jghid li ghamel sentejn shah ma jsuqx Malta u sal-lum rari jinzel jekk mhux ghal bzonn.

Il-Qorti rat **ir-rapport mediku iehor mahrug mill-konsulent Mr Eric John Farrugia tal-20 t'Ottubru 2014**, li bhala *addendum* ghall-ewwel rapport tat-22 ta' Frar 2010 qal hekk[9] -

*"Mr. Debrincat's injuries are classified as a Class 2 which has a range of whole person impairment rating from 6-10%.*

*History is that of facial abnormality with some loss of supporting structure (score of 8%). Physical examination shows the same feature hence score is not altered remaining at 8%."*

[8] Ara wkoll affidavit ta' Joseph Mercieca, sid ta' ristorrant ix-Xlendi a fol 143
[9] Fol 198

Mar-rapport, dan il-konsulent annetta skeda li turi l-kriterji applikabbli f'kaz ta' disabilta'/sfigurazzjoni tal-wicc[10]

Fix-xhieda tieghu *viva voce*[11], dan il-konsulent xehed fost ohrajn li ghalkemm hemm *corrective surgery* li jista' jsir, xorta ma tistax tinghata garanzija li din ser tkun mija fil-mija success u li l-imnieher ser jigi dritt kif kien qabel.

Il-Qorti rat ukoll **ir-rapport tal-espert mediku mqabbad minnha**[12], **Dr Mario Said**, li ezamina lill-attur fit-12 t'April 2014 ghal sintomi ta' ostruzzjoni u irritazzjoni nasali, kif ukoll problema ta' fgir li l-attur beda jhoss in segwitu ghall-incident stradali in kwistjoni. Dan l-espert ikkonstata li minkejja l-intervent mediku li kien sar fuq l-attur huwa xorta baqa' jilmenta minn dawn is-sintomi. Mill-ezami fiziku tal-attur intwera li kien hemm –

*"devjazzjoni tas-septum nasali li, bla dubju, kienet qeghda ttellef fin-nifs, kif ukoll deformita' kosmetika diksreta, b'liwja tal-piramida nasali lejn ix-xellug."*

Dan l-espert mediku nnota li skont ir-records tal-isptar l-attur kien diga' ghadda minn intervent kosmetiku tal-imnieher (*septorhinoplasty*) f'Lulju 2002 minhabba trawma nasali wara waqa'.

Dan l-espert ikkonkluda hekk –

*"F'dawn ic-cirkustanzi kalkolu ta' percentwali ta' dizabilita' jirrizulta difficli. Ghal dak li jirrigwarda l-griehi direttament ikkawzati mill-incident jien nissugerixxi figura ta' 3%. Ghal dak li jirrigwarda t-telf materjali u psikologiku derivanti mill-fatt li l-attur kellu jieqaf mill-attivita' professjonali, jien nissuggerixxi figura ulterjuri ta' 5%. Dan iwassal ghal figura globali ta' 8% bhala percentwali ta' debilita' permanenti."*

[10] Fol 189
[11] Fol 267 et seq
[12] Fol 41 – digriet tat-13 ta' Jannar 2012 - rapport a fol 180

Fl-1 ta' Dicembru 2014, fuq talba tal-attur Ronald De Brincat[13], il-Qorti hatret lil Mr Hermann Borg Xuereb, Mr Charles Borg u Mr Adrian Agius bhala periti addizzjonali sabiex jirrelataw bil-miktub dwar (a) jekk l-attur ghandux debilita' permanenti f'imniehru; (b) fl-affermattiv, fhiex tikkonsisti tali debilita'; (c) jaghtu rata jew persentagg ta' debilita'; u (d) jikkunsidraw jekk id-debilita' permanenti ghandhiex x'taqsam ma interventi precedenti li l-attur seta' kellu f'imniehru qabel l-14 ta' Dicembru 2008[14].

Fir-**rapport tal-periti medici addizzjonali tad-19 ta' Frar 2015**[15] inghad li –

*"Illum is-sinjur Debrincat qed jghid li ghandu daqsxejn imniehru mblukkat u li ghandu l-ghadam ta' mniehru mghawgin. Mill-ezaminazzjoni taghna, l-ghadam ta' mniehru jidhru li huma mghawgin lejn ix-xellug u n-nifs minn imniehru huwa tajjeb.*

*Full body handicap huwa klassifikat bhala 8% skond "Guidelines to the Evaluation of Permanent Impairment 6th Edition."*

Fir-risposti taghhom ghad-domandi in eskussjoni[16], dawn l-esperti addizzjonali kkonfermaw fost ohrajn li l-problema li ghandu l-attur hija wahda estetika. *Viva voce* mbaghad, wiehed mill-esperti Mr Adrian Agius ikkonferma[17] li meta huma ghamlu l-assessjar finali tad-disabilita' tal-attur, huma kienu hadu in konsiderazzjoni tal-istorja medika tieghu, inkluz li snin qabel huwa diga' kien ghamel intervent mediku f'imniehru. Inoltre, l-attur kien anke baghat ritratt tieghu ta' kif kien imniehru bejn l-ewwel operazzjoni u z-zmien meta kellu l-

[13] Fol 147
[14] Digriet a fol 225
[15] Fol 279
[16] Ara fol 283 et seq u fol 292; fol 341 et seq u fol 361
[17] Fol 308 et seq

incident[18] u dan sabiex jigi stabbilit jekk l-attur kellux imniehru dritt jew le qabel l-incident tas-sena 2008.

**LIKWIDAZZJONI U HLAS TA' DANNI**

**L-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili** (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi illi–

***"1045.*** *(1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."*

Fis-sistema taghna, id-danni likwidati jkopru kemm dawk attwali (*damnum emergens*) u kemm dawk li jolqtu telf ta' qliegh futur (*lucrum cessans*).

Fil-kaz **Joseph Zammit vs Joseph Bonello deciz fil-25 ta' Frar 2016**[19] din il-Qorti diversament preseduta gabret rassenja tal-principji generali applikabbli f'din il-materja kif rassodati fil-gurisprudenza matul is-snin:

*"Illi tali regoli gew supplementati u interpretati bil-principji stabbiliti fil-kawza*

[18] Email a fol 347
[19] Rik Gur 836/01LSO

*ewlenija* ***"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"*** *– A.C. dec. fit-22 ta' Dicembru 1967, li tat l-origini ghal hekk imsejha multiplier system, li pero` giet aggustata ghaz-zminijiet aktar recenti peress li, kif intqal fil-kawza* ***"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"*** *– A.C. dec. fis-16 ta' Novembru 1983, "ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu." Ghalhekk, il-Qrati taghna rritenew li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f' Butler vs Heard. Hekk gie ritenut li ghandhom juzaw "l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi –* ***"Savona vs Asphar"*** *App. Deciz fit-23 ta' Gunju 1952; u li "ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut." ("***Emanuel Mizzi vs Carmel Attard***":- 13.5.2003); u li "dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabilta`. Inoltre` d-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`." –* ***"Francis Sultana vs John Micallef et noe et"*** *– Appell deciz fl-20 ta' Lulju 1994.*

*Madankollu, fil-kaz* ***"Paul Debono vs Malta Drydocks"*** *P.A. deciza fis-27 ta' April 2015, intqal:*

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tallucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l nkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti*

*dannegjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja."*

***Multiplier***

*Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qligh li jinghata d-dannegjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati Taghna f'dawn l-ahhar zminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bhala:*

*"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases."* ***(Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).***

*Ghalhekk gie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta' 'chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'.*

*Fil-kaz "***Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace****" Appell deciz fil-5 ta' Marzu 1986) gie ribadit li:*

*"In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-dannegjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and*

*changes of life'."*

*Il-multiplier gie definit kif gej:*

*"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (**The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228**).*

*Gie stabbilit li l-mulitplier ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri**) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.*

*Minbarra dan il-bixra ta' hsieb wara sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qeghda xxaqleb lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu ifixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkostanzi. Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20). Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-incident[20]. Illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji[21].*

*Dwar il-qies tal-multiplier jkun xieraq li wiehed jaghmel referenza wkoll ghal*

---

[20] *"**Borg pro et noe vs Muscat**" P.A. deciza fid-9 ta' Jannar 1973.*
[21] *Ara "**Mary Bugeja noe et vs George Agius noe**" – App. Deciza fis-26 ta' Lulju 1991; "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P.A. 16 ta' April 1991); "**Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon"** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 1984.*

*dak li hu mghallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jinghad li:*

*"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death….." (**Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).***

***Tnaqqis minhabba lump sum payment***

*Illi dwar il-lump sum jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe**." (P.A. (JSP) deciza fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:*

*"Fir-rigward ghal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal 'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data."*

*Aktar recentement, il-Qorti tal-Appell, fil-kaz **"Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri"** deciza fis-27 ta' Frar 2004, irrabadiet li –*

*"Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba lump sum payment id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv."*

*Skont kriterju li gie elucidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz* ***"Jos Agius vs All Services Ltd."*** *(P.A. TM 1809/01 deciza fit-2 ta' Gunju '05) "f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza."*

*Izda, gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawza, dan ghaliex "jekk id-dannegjat ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction". (Ara "****Agius vs Fenech****" P.A. deciza fid-29 ta' Ottubru 2003, "****Sylvester Tabone vs Carmen Abela"**** P.A. deciza fil-25 ta' Novembru 2013 u* ***"Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd****." P.A. deciza fit-12 ta' Novembru 2012)."*

B'applikazzjoni tal-principji suesposti ghall-kaz odjern:

## DAMNUM EMERGENS

### a. Danni rigwardanti l-vettura tal-attur numru LCC 338

Mill-prospett guramentat tad-danni[22] pretizi mill-attur, huwa indika s-segwenti:

i. **Parts tal-vettura** – gie prezentat dokument datat 16 ta' Jannar 2009 miktub bl-idejn ghas-somma €600[23] u dokument datat 17 ta' Jannar 2009 b'lista dettaljata tal-*parts* mixtrija flimkien ma' ricevuta fiskali ghas-somma ta'

[22] Fol 151
[23] Fol 154

€601.88[24]. Total: €1,208.88. Iz-zewg dokumenti huma mahruga mill-istess hanut – J & R Auto Parts tar-Rabat, Ghawdex.

Il-konvenuti qeghdin jikkontestaw id-dokument li juri s-somma ta' €600[25], liema kontestazzjoni l-Qorti tqis li hi gustifikata. Dan ghaliex dan id-dokument mhux biss mhuwhiex akkumpanjat minn ricevuta fiskali imma wkoll huwa datat gurnata qabel id-dokument l-iehor tas-17 ta' Jannar 2009 li wkoll igib kwazi l-istess somma. L-attur baqa' qatt ma ta spjegazzjoni plawsibbli il-ghala giet prodotta ricevuta fiskali wahda biss ghall-*parts*, dik tas-17 ta' Jannar 2009. Huwa ghalhekk verosimili, fuq bazi ta' probabilta', li d-dokument tas-16 ta' Jannar huwa biss stima tal-parts filwaqt li l-uniku hlas li ghamel l-attur ghall-parts huwa dak skont l-ircevuta fiskali (kompleta bil-lista tal-parts) tas-17 ta' Jannar 2009 ghas-somma ta' €601.88. Din il-fehma tal-Qorti hija ulterjorment imsahha mill-fatt li fl-istima tal-hsarat mahruga mis-surveyor Tarcisio Mercieca huwa jindika s-somma approssimattiva ta' €640 ghall-parts tal-vettura[26].

Il-Qorti ghalhekk sejra takkorda s-somma ta' **€601.88** ghall-*parts* tal-vettura.

ii. ***Panel beating* u *spray painting*** – sar hlas mil-attur ta' **€804.74** skont ricevuta datata 31 ta' Jannar 2009[27]. Din is-somma sejra tigi akkordata.

iii. ***Loss of use*** – L-attur hallas **€84.00** ghall-kiri ta' vettura ghall-perjodu bejn is-26 u l-31 ta' Jannar 2009[28]. Il-Qorti tqis li din is-somma hija ragjonevoli u gustifikabbli ghax anke mill-ircevuti esibiti partikolarment dik tal-*panel beating* u *spray painting*, f'dak il-perjodu l-vettura tal-attur kienet tinsab ghat-tiswija. Din is-somma lanqas ma hi qed tigi kontestata mill-konvenuti[29].

[24] Fol 155
[25] Fol 411
[26] Fol 229.
[27] Fol 158
[28] Fol 152-153
[29] Fol 411

In vista ta' dak li gie deciz dwar ir-responsabbilta' tal-incident, il-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attur dawn l-ispejjez relatati mal-hsarat u tiswijiet fil-vettura tieghu u dan in segwitu ghall-incident tal-14 ta' Dicembru 2008:

€601.88 + €804.74 + €84 = **Total €1,490.62**

**b. <u>Danni minhabba d-dizabilita' permanenti tal-attur</u>**

L-attur elenka dawn l-ispejjez:

i. **Ricevuti ghal visti medici ghand il-konsulenti** - ricevuti ta' **€43** (inkluz €3 *clinic fee*) datati 31 ta' Jannar 2009 ghall-vista tal-professur Mr A. Grixti Soler[30]; u zewg ricevuti ghat-total ta' **€60** datati 4 ta' Frar u 22 ta' Frar 2010 rispettivament ghall-visti tal-professur Eric John Farrugia[31]. <u>Total **€103**</u>. Ir-rimbors ta' dan il-hlas huwa gustifikat.

ii. **Hlasijiet ghal nuccalijiet**[32] – Skont il-prospett tad-danni guramentat mill-attur[33], huwa qed jitlob hlas ta' **€452.88** ghal nuccalijiet tal-vista u **€93.20** ghal 2 visti tal-ghajnejn. Huwa esebixxa wkoll ricevuti a fol 113 sa 119.

Il-Qorti tifhem li l-attur kien kostrett li jibdel in-nuccali tal-vista li kellu peress li, kif gie muri fil-provi, b'rizultat tal-incident dak li kellu nkiser meta huwa habat rasu mal-*isteering*. Zgur ghalhekk li ghandu jigi rimborsat ta' nuccali wiehed.

Madankollu, kien jinkombi fuq l-attur li qabel jixtri n-nuccali gdid jassikura ruhu li dan joqghod komdu fuq imniehru u mhux joqghod ibiddel in-nuccalijiet

[30] Fol 110
[31] Fol 112
[32] Fol 113 - 119
[33] Fol 151

minn zmien ghal zmien. Dan aktar u aktar meta l-attur jidher li ghazel li jixtri n-nuccalijiet l-ohra minn fuq l-internet meta huwa ma kienx f'qaghda li jippruvahom qabel. Fatt li tieghu hu zgur kien konsapevoli. Zgur li l-konvenuti m'ghandhomx jigu mghobbija bil-hlas ta' dawn l-ispejjez addizzjonali li l-attur seta ben evita b'aktar attenzjoni u hsieb.

Il-Qorti sejra ghalhekk takkorda r-rimbors biss ghall-hlas ta' **<u>€288.38</u>** bl-ircevuta fiskali tal-24 ta' Jannar 2009 ghall-frame u l-lentijiet ta' nuccali gdid[34]. Din is-somma hija meqjusa ragjonevoli u ghandha tintlaqa' fic-cirkustanzi, avolja l-attur ma gabx prova tal-valur tan-nuccali miksur kif pretiz mill-konvenuti[35].

Il-Qorti pero' ma tara ebda gustifikazzjoni ghat-talba ghall hlas tal-visti tal-ghajnejn li l-attur ghazel li jaghmel, ghax kif inghad, kulma kien jehtieg b'rizultat dirett tal-incident kien li jigi rimpjazzat in-nuccali li nkiser. Naturalment jekk l-attur deherlu li huwa jrid jiccekkja l-vista t'ghajnejh addizzjonalment, ghandu jkun hu li ghandu jaghmel tajjeb ghal dawn l-ispejjez.

iii. **Hlasijiet ghal *nasal sprays*** – L-attur esebixxa numru ta' ricevuti a fol 120 sa 122. Apparti hlasijiet ghal oggetti li jidher li m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-kaz in ezami, jigi nnutat li fl'ircevuta datata 19 ta' Lulju 2011 jissemma *Avamys Nasal Spray* ghall-prezz ta' €14.58. Prezz simili huwa ndikat f'xi ricevuti ohra ghalkemm l-isem tal-prodott mhuwiex specifikat.

Il-Qorti pero' mhijiex ser takkorda l-hlas ghal dan il-prodott peress li ma ngiebet ebda prova ez. *prescription* ta' tabib, li l-uzu ta' dan il-prodott kien mehtieg b'rizultat dirett tal-incident mertu ta' dawn il-proceduri. Dan jinghad aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li minn informazzjoni generali disponibbli dwar il-prodott, dan jintuza primarjament ghas-solliev ta' sintomi ta' allergiji jew

[34] Fol 113
[35] Fol 412

hayfever. Mhuwhiex eskluz ghalhekk li l-attur seta' kien qed juza dan il-prodott ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet. Kien jinkombi fuqu li juri b'mod konkret in-ness dirett bejn id-dizabilita' permanenti kawzata mill-incident u l-uzu tal-prodott.

Il-hlas mitlub ghal dan il-prodott mhuwhiex ser jigi milqugh.

iv. **Spejjez li ma jirrizultawx mit-taxxa ufficjali** – Skont il-prospett tad-danni guramentat mill-attur, huwa qed jitlob is-somma ta' **€32.50** ghall-ispejjez ta' vjaggar ghall-visti fl-isptar Malta (Dok Z a fol 161), **€110.35** ghall-ispejjez ta' vjaggar ghall-Qorti sa April 2014 (Dok AA a fol 162 et seq) u **€110.64** ghall-gbir ta' ritratti (Dok BB a fol 168).

Ghalkemm gew prezentati diversi biljetti ta' hlas tal-vapur prezentati in atti, l-Qorti tqis li spejjez ghat-trasport bhal dawn m'ghandhomx ikunu rimborsati ghax fil-fehma tal-Qorti l-iskop tad-*damnum emergens* huwa li jkopri l-hlas direttament konnessi mad-dannu materjali subit, u mhux ghal trasport uzat fil-frattemp. F'kull kaz il-Qorti tinnota li l-biljetti jkopru l-hlas ta' aktar minn persuna wahda fl-istess gurnata u uhud mill-biljetti huma ta' persuna anzjana jew ta' persuna b'dizabilita' li ghalihom ma hemm ebda hlas (*Senior Citizen fare – Free*) u *(Special Needs Pax Ticket – Free).*

Dwar il-hlas mitlub ghal gbir ta' ritratti, l-prospett ta' danni jindika total ta' **€110.64**. Izda t-total ta' flus indikat fid-dokumenti esebiti huwa divers. Gew infatti esebiti zewg fotokopji ta' dokumenti, mhux iffirmati mir-Registratur, wiehed a fol 168 ghas-somma ta' **€20.94** (u fuqu hemm miktub *"I paid half the amount €10.64*) u l-iehor a fol 169 ghas-somma ta' **€330.40**. Ghalhekk ma hemm ebda indikazzjoni cara fuqhom, jirrizulta almenu fir-rigward tad-dokument a fol 169, li dan huwa konness mal-ispejjez tar-ritratti konnessi mal-incident *de quo*, kif kien xehed PS 36 Sergio Azzopardi fil-proceduri konnessi

Rik Gur 1015/11[36], liema xhud kien anke esebixxa fotokopja tal-istess dokument illum prezentat a fol 169 f'dawn il-proceduri[37]. Il-Qorti ma ssib ebda gustifikazzjoni f'din it-talba. Mhux biss ma ngiebet ebda prova ta' xi ricevuta li turi li l-attur ghamel xi hlasijiet ghal xi ritratti minn dawn imsemmija, izda f'kull kaz, jekk xi parti f'kawza ghazlet li tressaq xi ritratti bhala parti mill-provi taghha, din m'ghandhiex titlob rimbors mill-kontro-parti.

It-talba ghal dawn il-hlasijiet hija ghalhekk michuda.

Il-konvenuti ghandhom ghalhekk ihallsu lill-attur dawn l-ispejjez:

€103 + €288.38 = **Total €391.38**

**TOTAL DAMNUM EMERGENS: €1,490.62 + €391.38 = €1,882 (elf tmien mija u tnejn u tmenin Ewro).**

**LUCRUM CESSANS**

Ghal dak li hu *Lucrum Cessans:*

a. Dwar il **persentagg ta' dizabilita'** l-Qorti sejra tikkalkula l-persentagg ta' dizabilita **bit-tmienja fil-mija (8%)** kif stabbilit mill-esperti medici mqabbda minnha. Il-Qorti ma tqisx li ghandha tilqa' s-sottomissjoni tal-konvenuti li dan il-persentagg ghandu jkun inqas minn hekk[38] u dan ghax effettivament ma ngiebet ebda prova konkreta li d-deformita' f'imnieher l-attur kienet effettivament kawzata minn incident precedenti li l-attur kellu f'imniehru snin qabel. Di piu' l-Qorti tqis li l-periti addizzjonali waslu ghall-konkluzjoni

[36] Fol 65 A et seq
[37] Fol 69 fil-kaz konness Rik Gur 1015/11
[38] Fol 412 et seq

ta' 8% dizabilita' wara li kellhom a dispozizzjoni taghhom ir-ritratt tal-attur qabel ma kellu l-incident tal-14 ta' Dicembru 2008.

b. Dwar **il-multiplier**, jirrizulta li l-attur twieled fis-27 ta' Mejju 1985[39] u fid-data tal-incident kellu 23 sena. Kif inghad, il-*multiplier* ghandu jibda jitqies minn dak inhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal ghall-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni. A bazi tac-*chart* citata minn din il-Qorti stess fis-sentenza taghha **Michael Busuttil vs Magdalena Abela deciza fit-30 ta' Mejju 2016**[40] il-multiplier ghandu jkun ta' **hamsa u tletin (35) sena**, tenut kont tal-età tal-attrici fi zmien l-incident, tal-*working life expectancy* u liema multiplier qieghed ukoll jaghmel tajjeb ghall-fattur tac-*chances* u c-*changes of life*.

c. Ghal dak li huwa **salarju**, id-dhul gross tal-attur kien [41]:

**2008 – €16,086**

**2009 – €17,439**

**2010 – €18,778**

**2011 - €19,452**

**2012 - €20,650**

**2013 - €21,793**

Id-dhul medju ghal dawn is-snin kien ta' circa €19,000 li maghha ser izzid is-somma ta' €500 biex tagħmel tajjeb għaż-żidiet fl-għoli tal-ħajja tul iż-żmien li ser jintuża bħala *multiplier*.

**B'hekk il-qliegh annwali ser jigi kalkulat fuq €19,500.**

Ghal kull buon fini l-Qorti tinnota li:

[39] Fol 94 - affidavit
[40] Rik Gur 118/14
[41] Fol 236 et seq

i. Kienet darba wahda biss l-okkazjoni meta l-attur kien ghamel xoghol ta' ezaminatur mad-Dipartiment tal-ezamijiet, u dan fit-13 t'Awissu 2008 (cioe' qabel l-incident), ghall-liema xoghol huwa kien ircieva €27.95[42];

ii. l-impjieg *part-time* ta' ghalliem tal-lingwa Germaniza li l-attur kellu mal-*German Maltese Circle* kien wiehed ghall-perjodu qasir ta' tlett snin – bejn l-1 t'Ottubru 2007 u t-30 ta' Settembru 2010 u giet terminat minhabba nuqqas ta' domanda ghall-lezzjonijiet tal-Germaniz f'Ghawdex[43];

iii. l-attur ta lezzjonijiet tal-lingwa Ingliza minn Dicembru 2008 sa Dicembru 2009 f'*evening classes* organizzati mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Ir-raguni li l-attur ma baqax jaghti dan is-servizz ma hix maghrufa.

Huwa evidenti li dawn kienu ntrojti brevi li ma kinux regolari ghalhekk mhux ser jigi kalkulat ghall-fini tal-kalkolu *lucrum cessans*. Dan anke fid-dawl tal-principju li l-iskop tal-akkordar tad-danni huwa dak li d-dannegjat jerga' jitpogga *status quo ante* u cioe' fil-pozizzjoni daqs li kieku ma kien gralu xejn. Isegwi fic-cirkustanzi li l-waqfien ta' dawn l-introjti kien fi kwalunkwe kaz estraneju ghall- incident in ezami.

d. Ghal dak li jirrigwarda t-tnaqqis minhabba li l-hlas ser isir f'daqqa (***lump sum payment***), il-Qorti fl-ewwel lok tinnota li l-kawza nfethet circa tlett snin wara l-incident u cioe' f'Novembru 2011 u s-sentenza qeghda tinghata ftit aktar minn sitt snin wara li gew intavolati dawn il-proceduri. Fic-cirkustanzi l-Qorti tqis li **t-tnaqqis ghandu jkun ta' 10 %.**

L-ammont dovut lill-attur bhala ***lucrum cessans*** sejjer ghalhekk jigi kalkulat kif gej:

€19,500 x 8% x 35 = €54,600 – 10% = **€49,140**

[42] Ara xhieda ta' Raymond J. Camilleri ghan-nom tad-Dipartiment tal-Ezamijiet a fol 230-231
[43] Affidavit Victor Sammut a fol 176

**Total ta' *damnum emergens* u *lucrum cessans*: €1,882 + €49,140 = €51, 022 (wiehed u hamsin elf u tnejn u ghoxrin Ewro).**

**Ghar-ragunijiet suesposti it-tieni u t-tielet talba tal-attur sejra tintlaqa skont kif appena deciz u l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti ser jigu respinti.**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kaz billi:**

**1. Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti;**

**2. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara li Daniel Farrugia kien unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh fl- 14 ta' Dicembru 2008 gewwa Triq Ghar Dalam Birzebbugia Malta;**

**3. Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tillikwida s-somma ta' wiehed u hamsin elf u tnejn u ghoxrin Ewro (€51, 022) bhala danni sofferti mill-istess attur fl-incident stradali imsemmi;**

**4. Tilqa' t-tielet talba tal-attur u tordna lill-konvenuti jhalsu dawn id-danni lill-attur solidalment bejniethom.**

**L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuti.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**